


# Il-Milied it-Tajjeb.

Kemm tintuza l-espressjoni "il-Milied it-tajjeb" wiehed ma' l-iehor izda min hu ghaqli ma jibqghax fil-livell ta' awguri, izda jinzel aktar fil-fond u jara li l-Milied ikun tajjeb ghalih mhux ghax biss xtaqulu habibu izda ghax jiftakar fil-fidwa taghna l-bnedmin meta Alla baghat lil Ibnu biex isalvana. Dak hu l-kbar rigal, ikunu kemm ikunu kbar u ta' siwi r-rigali li taqla' minghand hutek il-bnedmin.




Kemm tkun haga sabiha li kieku hdejn il-presepju li wiehed ghandu dejjem jarma fi prominenza gewwa d-dar, jibda jqieghed hdejh il-bibbja miftuha f'kapitlu tnejn ta' San Luqa hekk li min jghaddi min hdejh ikun jista' jaqra l-grajja hdejh deskritta bil-mod tal-presepju u jara u jaqra l-veru ferh li jgib il-Milied.?

Il-festa tal-Milied tfakkarni li Alla haseb f'kulhadd, ma hemmx ghani jew fqir, sabih jew ikrah, b'sahhtu jew marid, intelligenti jew mhux, ghax kull bniedem hu l-iben jew il-bint tieghu; kulhadd hu apprezzat u ma jippretendi xejn minghandek hlief li tiftahlu qalbek biex jghammar fiha bil-grazzja u paci tieghu.

Bil-hajja taghna li ghandha tkun taqbel mal-kmandamenti t'Alla irridu nwasslu l-

messagg nisrani anke lil dawk li tbieghdu mill-fidi. Irridu nuruhom li nixtiequ nghaddulhom il-ferh tal-Milied lilhom ukoll. Jista' jkun xi hadd mill-familja tieghek jew kollegi tax-xoghol li ghandhom bzonn dan il-kuragg biex jersqu lejn Alla, ghax f'Alla biss wiehed jista'jsib il-veru ferh.

Il-Mulej Alla jixtieq li l-Milied niccelebrawh skont l-ispirtu nisrani billi r-rigali jmorru ‘l hemm mill-valur tal-flus........... forsi tbissima jew gest sabih ta' imhabba jew tghaddi aktar hin mal-familja billi tnaqqsu mill-hin liberu tieghek mat-televixin jew computer.

Kemm hu sabih jekk fil-Milied il-familja tieghi taghti rigal........le mhux ta' flus.........akkost li naqqsu mill-hin tad-divertiment taghna........ taghti rigal meta taqsam ftit tal-hin ma' min hu wahdu, ma min ihossu mwarrab bhal xi marid li qrabatu abbandunawh, ma min ghandu xi toqol f'qalbu jew ma' l-istess uliedna li jhossu n-nuqqas tal- genituri minhabba t-tahbit tal-hajja.